**Stqarrija Ministerjali magħmula mill-Onor. Josè Herrera, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima dwar is-sospensjoni tad-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Akwakultura**

Fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru fil-*media* lokali u anke dawk internazzjonali fil-konfront tad-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Akwakultura fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima irrid ninforma lil din il-Kamra li l-persuna ġiet sospiża mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tagħha skont ir-Regolament 13(4) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Il-Gvern aktar kmieni llum stess irrefera formalment lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex abbażi tal-informazzjoni maħruġa, jibdew l-investigazzjonijiet meħtieġa.

Kif għamel dejjem, il-Gvern qed jikkollabora mal-awtoritajiet fl-investigazzjonijiet kollha li qed isiru biex jiġu stabbiliti l-fatti kollha anke dwar dan il-każ.

Ninforma lil din il-Kamra li hekk kif stqarr il-Ministeru fi stqarrijiet għall-istampa maħruġa matul ix-xhur li għaddew, id-Dipartiment dejjem irrefera każijiet ta' allegat illegalitajiet għall-attenzjoni tal-Pulizija Maltija.

Irrid nirrimarka wkoll illi fir-rigward tal-investigazzjoni li qiegħda titmexxa mill-EUROPOL l-awtoritajiet Maltin kienu qegħdin jikkollaboraw bi sħiħ kemm mal-awtoritajiet Spanjoli kif ukoll dawk tal-EUROPOL.

Intant l-awtoritajiet Maltin għaddejjin b'investigazzjonijiet oħra permezz tal-Pulizija ta' Malta u anke għaddejja inkjesta Maġisterjali mmexxija mill-Maġistrat Gabriella Vella rigward qbid ta' ħut li allegatament kien maqbud b'mod illegali.